# KNEJJES TA' SANTA KATARINA F'1575

minn
**Mario Buhagiar B.A. (Lond.)**

Xhieda tad-devozzjoni li l-Maltin dejjem kellhom lejn Sta. Katerina ta' Lixandra huma l-għadd ġmielu ta' knejjes dedikati lilha li niltaqgħu magħhom f'bosta nħawi ta' gżiritna. Wħud minnhom għandhom storja twila tant li nsibu tagħrif dwarhom fir-rapport tal-1575 taż-Żjara Pastorali tal-Inkwisitur u Viżitatur Appostoliku Mons. Pietro Dusina. Dan id-dokument huwa ta' fejda kbira għall-istudjużi tal-istorja għax mhux biss jagħti tagħrif siewi fuq l-istorja ekkleżjastika ta' Malta fl-ewwel żmien tal-Kavallieri, iżda jixhed ukoll dawl siewi fuq il-ħajja soċjali ta' dawk is-snin. Ir-rapport oriġinali jinstab il-Vatikan iżda Malta għandna għadd ta' kopji tiegħu.

B'kollox Dusina ra 'l fuq minn erba' mitt knisja li minnhom l-akbar għadd – mija u tmienja u sittin – kienu dedikati lill-Madonna. Tnejn u tletin, imbagħad, kienu jġibu l-isem ta' San Nikola u sittax ta' Sta. Katarina; l-oħrajn kellhom bħala patrun għadd ta' qaddisin oħra. Dan jurina li fis-seklu sittax Sta. Katarina kellha l-akbar kult wara dak tal-Madonna u San Nikola. Barra minn dawk parrokkjali taż-Żejtun u ż-Żurrieq, il-knejjes tagħha kienu mxerdin hekk: tnejn fl-inħawi tar-Rabat u oħrajn fin-Naxxar, Birkirkara, is-Siġġiewi, Ħal Qormi, Bir Miftuħ, l-Imqabba, il-Gudja, Ħal Lew, il-Birgu, il-Qrendi, il-Mellieħa, u *ta' Ċabeża* Għawdex. (1)

Iċ-ċentru tal-kult ta' Sta. Katarina kienet il-knisja taż-Żejtun. Kull nhar ta' tnejn għadd kbir ta' nies minn Malta kollha kienet tmur hemm biex titlob xi grazzja jew toffri xi *ex-voto*. (2) F'dokumenti tas-sekli ħmistax u sittax, inkluż dak ta' Mons. Dusina, iż-Żejtun huwa magħruf bħala r-raħal – jew il-Parroċċa – ta' Sta. Katarina; u fil-mapep baqa' jitniżżel bħala *S. Caterina* għall-inqas sal-1749. (3)

## Il-Knejjes

1. ***Iż-Żejtun*** Mons. Dusina żar il-knisja taż-Żejtun, dik illum magħrufa bħala ta' San Girgor fis-7 ta' Frar 1575. Kienet iżgħar u differenti minn kif narawha llum; la kellha kappelluni u kor u l-anqas koppla u l-faċċata kienet aktar sempliċi. (4) Kienet daqs nofs mil bogħod mill-abitat u għall-kumdità tan-nies, is-sagramenti kienu jamministrawhom mill-knisja ta' Sta. Maria ġewwa r-raħal. (5) F'dik ta' Sta. Katarina kien isir quddies biss nhar ta' ħadd u fil-festi kmandati. Terġa' minħabba li kienet tista' tgħid nofs triq bejn il-bajjiet ta' Marsaxlokk u San Tumas, il-furbani tal-baħar kienu ta' sikwiet jaħbtu għaliha u jħallu ħerba warajhom. Minn ġewwa l-knisja kienet kollha kemm hi mbajda u mid-dehra ma kien jonqosa xejn; il-mensola tal-artal kienet, iżda, aktarx dejqa. Fuq in-naħa tax-xellug tal-bieb ewlieni kien hemm il-kappella ta' San Mark u San Ġakbu li kienet maqtugħa għaliha b'rixtellu ta' l-injam. Sid il-kappella kien Gulinus (?) Bonnici li kien iħares il-festa ta' dawn il-qaddisin b'quddiesa u f'dik ta' San Mark kienu jagħmlu wkoll il-għasar. Bonnici kellu wkoll il-kappella ta' San Ġakbru fiċ-Ċimiterju li kien hemm barra l-knisja fuq in-naħa tal-lemin. Iċ-ċimiterju kien imdawwar b'ħajt iżda ma kienx għadu jintuża għax id-dfin beda jsir ġewwa l-knisja. L-oqbra ma kienux mibnija kif nafuhom illum u l-mejtin kienu jidfnuhom fil-ħamrija. Fil-knisja kien hemm katalett li fuqu kienu jġorru l-mejtin. Dusina ordnalhom ineħħuh minn hemm u għamar li jinbnew għalanqas żewġ oqbra. (6)

2. ***Iż-Żurrieq*** Jidher li l-knisja taż-Żurrieq kienet imdaqsa ġmiela għax minn barra l-artal maġġur kellha tmien artali oħra fil-korsija. Is-Santissimu kienu jżommuh f'tabernaklu tal-ħaġar għamla ta' kaxxa li ma għoġbu xejn lil Dusina għax ordnalhom jagħmlu ieħor aktar xieraq. Huwa ried ukoll li jsir pissidi tal-fidda biex fih jieħdu l-vjatku lill-morda. Iż-żejt tal-Griżma kien jinżamm wara l-artal maġġur ġo speċi ta' niċċa tliet palmi 'l fuq mill-art. F'nofs il-knisja f'ġenb wieħed kien hemm fonti tal-mgħamudija tal-irħam; l-għatu u l-fliskatur kienu ta' l-injam. Dusina għamar li jsir fliskatur tal-fidda. (7)

3. ***Birkirkara*** Il-knisja ta' Sta. Katarina f'dan ir-raħal kien bniha Nardu Tonna. Dan kien iħares il-festa b'quddiesa u għasar. Wara mewtu l-werrieta tiegħu komplew jagħmlu bħalu. Kienet knisja żgħira b'artal wieħed u għera tista' tgħid minn kollox; is-saqaf kien iqattar u l-anqas biss kellha bibien ta' l-injam. Dusina għamar lil dawk kollha responsabbli li jsewwuha u jagħmlulha l-bibien fi żmien xagħrejn jew iħalsu multa ta' għaxar skudi. (8)

4. ***Bir Miftuħ*** F'Bir Miftuħ waħda mill-

ħames kappelli madwar il-knisja parrokkjali kienet dik ta' Sta. Katarina. Kellha artal wieħed u ma kienx hemm rettur jieħu ħsieba. Xi nies devoti kienu jħallsu biex isir quddies nhar il-festa u f'xi okkażjonijiet oħra. (9)

5. ***Il-Gudja*** Il-knisja kienet fqira u kellha artal wieħed. Kienet mibnija fuq art ta' Bartolomeo Zammit li kien iħares il-festa b'quddiesa u b'għasar. (10)

6. ***Ħal Lew*** Ħal Lew kien raħal ċkejken bejn il-Qrendi u ż-Żurrieq. Il-knisja kienet mibnija tajjeb u minn ġewwa kienet imbajda. Kellha mill-inqas żewġ artali; ma kelliex bibien u l-anqas kellha ntrojti u piżijiet u ma kienx hemm rettur.

Dawk tal-inħawi kienu xi minn daqqiet jagħmlu xi quddiesa fiha. Dusina għamar li sakemm ma jagħmluliex bibien ma tintużax aktar bħala knisja. (11)

7. ***L-Imqabba*** Il-knisja kienet fqira għax ma kelliex introjti. Kienet bla bibien ta' l-injam u l-art kienet torba. Kellha artal wieħed bi xbieha fuq l-injam fuqu. Marianu Hagius li kellu għalqa tal-Ħandaq kien jagħmel quddies u għasar nhar il-festa u jixgħel il-lampier. Il-knisja ma kelliex rettur. (12)

8. ***In-Naxxar*** Il-knisja ta' hawnhekk kienet tgawdi minn piż fuq ħabel raba fl-inħawi tagħha. Sid l-għalqa, Francisco Bartolo kellu d-dmir li jiċċelebra l-festa b'quddiesa u għasar u li jagħmel it-tiswijiet kollha meħtieġa. Kellha artal wieħed u l-art kienet torba. (13)

9. ***Ħal Qormi*** Din ukoll kienet knisja fqira bla ntrojti għalkemm il-werrieta ta' Agata Cassia li kellhom dar fil-qrib kienu jagħmlu quddiesa bl-għasar nhar il-festa. Fil-knisja kien hemm xbieha fuq l-injam. (14)

10. ***Il-Qrendi*** Il-knisja kienet mibnija fl-inħawi tat-Torba. Ma kelliex introjti. Kien isir quddies fiha nhar il-festa u f'xi ġranet oħra. (15)

11. ***Ir-Rabat*** Ir-rettur tal-knisja kien Dun G(i)lianus Gallus (Callus?). Kellha ntrojtu ta' ħames skudi fis-sena u piż ta' quddiesa kull ħmistax. Dusina għalaqa għax deherlu li ma kienetx xierqa għall-kult. Għamar iżda, li jitwaqqaf artal bi xbieha tal-Qaddisa fil-knisja ta' San Pawl. (16)

12. ***Tad-Daħla, ħdejn ir-Rabat*** Dil-knisja kienet magħrufa bħala *Santa Caterina de Nasis*. Kienet tassew fqira; l-art kienet torba u ma kienx hemm bibien ta' l-injam. Ir-rettur tagħha kien Dun Sanctoris Vella. Nhar il-festa l-kappillan ta' Ħad Dingli kien iqaddes quddiesa u jgħid l-għasar u Precus Scriba (li kien xtara l-art fejn kienet tinstab mingħand Dun Sanctoris de Nasis) kien itieh għaxar grani. Dusina għalaqha għax deherlu li ma kienetx xierqa. Għamar li ssir xbieha ta' Sta. Katarina għall-artal fil-knisja ta' San Pawl tar-Rabat. Dan l-artal kellu jkollu terħa u żewġ gandlieri. (17)

13. ***Is-Siġġiewi*** Il-knisja kien bnieha Joannes Vassallo; ibnu kien jagħmel quddiesa bl-għasar f'jum il-festa. Kienet mibnija fuq il-lemin ta' oħra dedikata lil Natività tal-Madonna. (18)

14. ***Vittoriosa*** Dil-knisja kienet tal-Kavallieri tal-Lingwa Taljana u kienet mibnija fuq ix-xatt fuq propjetà tagħhom. Fuqha kien joqgħod il-*prud' homme* tal-isptar tal-*Auberge* Tajana. (19) Il-knisja ma kelliex rettur u l-anqas introjti. Kellha artal wieħed. Il-Kavallieri kienu jżommuha b'għożża kbira u kien isir quddies fiha kuljum. Kienet mgħammra b'dak kollu meħtieġ u kellha kalċi tal-fidda. Kien jieħu ħsieba Magister Angelus de A(l)vernia (?). (20)

15. ***Il-Mellieħa*** Fuq dil-knisja Dusina ma jgħidilna xejn. Aktarx li ma resaqx lejn il-Mellieħa għax ħallielna biss lista tal-knejjes f'dawn l-inħawi. (21)

16. ***Għawdex*** Il-knisja kienet tinstab fl-inħawi *ta' Ċabeża* aktarx bejn Kerċem u Santa Luċija. Magister Salvatore Muscat kien jagħmel quddiesa nhar il-festa u kien jitma 'l fqar li kienu jinġabru għall-okkażjoni. Kellu wkoll dmir li jieħu ħsieb it-tiswijiet kollha meħtieġa. B'hekk kien jaqdi l-piżijiet tal-knisja. Minkejja dan kienet nieqsa minn kull għamara u ma kelliex bibien ta' l-injam. Dusina għamar li jsiru l-bibien fi żmien xahar jew titħallas multa ta' ħames skudi. Sakemm isir dan il-piżijiet u l-obbligi kollha tagħha kellhom jiġu trasferiti għal knisja parrokkjali taċ-ċitadella. (22)

## Referenzi

(1) Għal aktar tagħrif ara M. BUHAGIAR, 'The Cult of St. Catherine in Malta' *Scientia* XXXV (1972) p. 27 – 28.
(2) Żjara ta' Mons. Dusina, kopja fil-Mużew Nazzjonali l-Belt, f. 105.
(3) E.B. VELLA, *Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk*, Malta 1927, p. 34.
(4) M. BUHAGIAR, *op. cit.* p. 124 – 126.
(5) Żjara ta' Mons. Dusina, *op. cit.* f. 105 – 108.
(6) *Ibid.*, f. 104 – 105.
(7) *Ibid.*, f. 134 – 137.
(8) *Ibid.*, f. 67.
(9) *Ibid.*, f. 118.
(10) *Ibid.*, f. 132.
(11) *Ibid.*, f. 114.
(12) *Ibid.*, f. 125.
(13) *Ibid.*, f. 50.
(14) *Ibid.*, f. 114.
(15) *Ibid.*, f. 226.
(17) *Ibid.*, f. 201.
(18) *Ibid.*, f. 80 – 81.
(19) Dan l-isptar ma għandniex inħaltuh mas-*Sacra Infermeria* jew *l-Isptar il-Kbir* tal-Ordni. Sta. Katarina kienet il-pattruna tal-Kavallieri Taljani.
(20) Żjara ta' Mons. Dużina, op. cit., f. 117.
(21) *Ibid.*, f. 229.
(22) *Ibid.*, f. 232.